MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 233/2013

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. IIlli l-partijiet izzewgu fis-sitta' u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005), u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Jean Carl Debono fis-sena elfejn u tlettax (2013);

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skont il-ligi;

Talbet lil-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg tas-26 ta' April 2005 li gie ccelebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi;

2. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Bl-isejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota guramentata ta' l-intimat li waqt li ssottometta li jaqbel mal-premessi kollha tar-rikors guramentat tal-attrici, qed jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Mill-provi mressqa jirrizulta li l-attrici u l-intimat bdew relazzjoni meta l-intimat kien qieghed Malta jistudja u kien jirresjedi fl-istess dar fejn kienet tghix l-attrici, misssierha u ohtu Fatima li kienet il-mara ta' missier l-attrici. Fi zmien sena, u meta l-intimat kien spicca l-kors ta' studju, iddecidew li jizzewgu civilment. Wara iz-zwieg, peress li kienu jahdmu t-tnejn, baqghu jghixu go din l-istess dar. Fiz-zwieg li dam tmien snin zammew l-assi kollha separati u ma tantx kien ikollhom disgwid imma kienu jhaddnu kultura differenti. Fis-sena 2013 (jigifieri 8 snin wara) isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni attrici*

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit[1]; tispjega li ladarba kien spicca l-kors ma kellux permess jibqa' Malta u *'peress li konna rbatna qalbna ma' xulxin u jien ma xtaqtux jitlaq.'* iddecidew li jizzewgu u billi ma kellux flus u hija kienet hadet *loan* fuq il-post taghha zzewgu biss bic-civil u minghajr spejjez kbar.

Wara z-zwieg ghazlu li jibqghu jghixu ma’ missierha u mal-*partner* ta' missierha li kienet tigi oht l-konvenut, peress li '*Konna hsiebna li kienet l-ahjar ghazla, peress i t-tnejn konna nahdmu u ma kellix cans niehdu hsieb id-dar.'*

Disgwid kbar ma kienx ikollhom imma '*wara li zzewwigna, u bdejt nara, nmiss u nghix il-kultura tieghu rrealizzajt li ma kienx dak li xtaqt.'* u ghal dan tispjega li gara peress li *' qatt ma kellna cans insiru nafu lil xulxin sew, qatt ma kellna z-zmien biex nahsbu ghal dak li konna dehlin ghalih.'* u bhala ezempji isemmi t-tisjir bla majjal, il-viziti tieghu lejn il-genituri tieghu barra minn Malta u minhabba li kien *'iqatta' hafna hin il-Moskea'.*

[1] a folio10

Dwar it-tfal kien jghidilha: *'jekk ikollna t-tfal, jaghzlu huma meta jikbru, dwar ir-religjon taghhom.'*

Dwar il-hajja konjugali tghid: *'fil-verita' qatt m'ghexna il-hajja ta' mizzewgin, fis-sens illi la qatt ghexna wahidna.............lanqas qatt ma kellna kontijiet, jew propjetajiet flimkien. Dejjem bqajna ghaddejjin bl-istess rittmu bhalma konna ghaddejjim qabel izzewwigna; l-unika differenza kienet li wara li zzewwigna bdejna norqdu fl-istess sodda.'* [2]

***Verzjoni konvenut***

L-konvenut jixhed permezz ta' affidavit[3]; dwar ir-relazzjoni li kellhom qabel iz-zwieg jghid: *'meta kienet kwazi spiccat is-sena skolastika, ghalkemm kelli kollox in order, ghax kont gibt ruhi sew meta kont Malta, xorta wahda kelli bzonn li nmur ghal xi zmien lura pajjizi u nerga' nigi. Pero`, peress li jien u A konna qed nohorgu flimkien*, u peress li A kienet rabtet qalbha mieghi, hija kienet issuggeriet illi nizzewgu[4], biex ma jkollix ghalfejn noqghod tiela' u niezel il-Marokk u lura."[5]

Jispjega li ma marrux jghixu ghar-rashom peress li fil-post tal-attrici kienet tuzah omm l-attrici u *'apparti minn hekk il-post ta' missierha, kien anke iktar vicin il-post tax-xoghol taghna t-tnejn u konna nsibu kollox lest, anke ikel.'*

Dwar il-hajja konjugali jixhed: *Qatt ma kellna inkwiet, qatt ma indhallna lil xulxin u konna nilletikaw ftit bhal kopji kollha.'.*

Dwar it-tfal jghid: *Ghalkemm gieli tkellimna fuq it-tfal u anke konna qbilna li jekk qatt ikolna t-tfal jiddeciedu huma x'religjon ikollhom meta jikbru; pero wara li A ghamlet l-operazzjoni tat-Thyroids, hadd minna ma rega' semmihom.'*

---

[2] affidavit attrici a folio 10
[3] a folio 18
[4] Emfasi tal-esponent
[5] Ara l-affidavit tal-konvenut a fol 18 tal-process

**Ruben B,** hu l-attrici, fl-affidavit tieghu jikkumenta dwar il-hajja konjugali tal-kontendenti u jghid[6] li l-konvenut *'qatt ma wera hegga' li jmorru fil-post ta' ohti (l-attrici); u dana minkejja li ohti kienet taghmel accenn ghaliha ghax riedet li jkollha l-hajja privata..........kienu jghixu on a tight budget...........wahda mir-ragunijiet kienet ukoll li C ma riedx jaqsam spejjez ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma, etc. u kien iktar komdu li jibqa' jghix taht ir-responsabbilita' ta' haddiehor............ kien hemm differenza kbira fil-kultura.'*

Barra minn dan isemmi: d-differenza fil-kultura, ghax kien imur ta' spiss il-Marokk jara lill-familtu, wahdu il-Moskea, u dwar l-ikel.

**Oht il-konvenut,** tixhed permezz tal-affidavit u tghid li ghalkemm ma tiftakarx ghaliex qatt m'ghexu wahidhom tiftakar *'li kellhom hinijiet tax-xoghol differenti u safejn naf jien lanqas ma kellhom biex jixtru post biex immorru jghixu ghal rashom u allura baqghu fejn kienu.'*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

L-attrici issejjes l-azzjoni minnha proposta fuq l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jipprovdi kif gej:-

“B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'**difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju** fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew **b'anomalija psikologika serja** li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Dan is-sub inciz jipprovdi dwar zewg cirkostanzi li jistghu jwasslu ghall-annullament ta’ zwieg celebrat li ser jigu trattati separatament.

[6] affidavit a folio 15

**<u>Anomalija psikologika serja li twassal ghall-impossibilta' li dik il-persuna afflitta minn tali kondizzjoni medika serja taqdi d-doveri matrimonjali.</u>**

La fil-provi imressqa u lanqas fis-sottomissjonijiet maghmula miz-zewg partijiet, ma jirrizulta li l-attrici qed issostni li xi hadd mill-partijiet kien fil-mument li gie celebrat iz-zweig afflitt minn "anomalija psikologika serja". La gie allegat dan u wisq anqas ippruvat hlief fil-premessi tar-rikors guramentat. Il-kawzali imsejsa fuq it-tieni parti tal-Artikolu 19 (1) (d) ma gietx ippruvata.

**<u>Difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet matrimonjali</u>**

Jibqa' biss il-kawzali fejn l-attrici ssostni li fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg sew l-attrici kif ukoll il-konvenut kienu qed isofru minn "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga".

Jibda sabiex jinghad illi z-zwieg huwa istitut fondamentali f'pajjizna b' importanza tali li ghandu u jehtieg li jigi adegwatament protett minn azzjonijiet li jittentaw jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja ta' annullament meta ma jkunux jissussistu l-kawzali veri u proprji li jwasslu ghall-annullament. Gie ritenut illi "F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju." ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" – Qorti tal-Appell - 6 ta' Novembru, 1991).

Fuq l-istess linja ta' hsieb hi s-sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" deciza fis-27 ta' Jannar 2006 :-

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni, u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega"

Fil-kawża "**Nicholas Agius vs Rita Agius**" deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 u citata fis-sentenza **AB vs Av. Dr. Richard Sladden et. noe**" deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gie elaborat il-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju: "B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieg tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ebda żwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew oħra fiż-żwieg li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieg"

Fuq l-istess linja ta' hsieb huma s-sentenzi "**Angela Spiteri vs Joseph Spiteri**" (04.11.1994) u "**Robert Attard vs Josephine Attard**" (18.10.1995) u "**Janet Portelli vs Victor Portelli**" (14.08.1995)

Inghad ukoll f'sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2005 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**"

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

Il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.

Dan gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo" (**PA - 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett

serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*

*Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk* ***ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.*** *Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d)* ***irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*** *(*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta'affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Ikkunsidrat;

Applikata l-ligi u l-gurisprudenza ghall-kaz in ezami jinghad dan li gej.

Il-Qorti fliet bir-reqqa t-testimonjanzi mressqa miz-zewg partijiet, sew taghhom kif ukoll tax-xhieda minnhom imressqa u tirrileva illi l-ebda testimonjanza, la individwalment u lanqas fl-assjem taghhom, ma twassal ghal dak il-konvinciment necessarju fil-gudikant illi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg de quo xi wiehed jew wahda mill-partijiet kien jew kienet afflitta minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-doveri u drittijiet relatati mal-hajja mizzewga. Mhiex koincidenza li “d-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju”

huwa mqieghed fl-istess sub-inciz ma' "anomalija psikologika serja". Id-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplat fil-ligi irid ikun wiehed serju. Isegwi ghalihekk illi mhux kull difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimonjali jew l-obbligi li z-zwieg jimporta huwa assimilat ma' kondizzjoni psikologika serja illi jxekkel serjament il-liberta tal-persuna fid-decizzjoni li tkun qed tiehu li tersaq ghaz-zwieg. Il-Qorti ma ssib l-ebda riskontru fil-provi imressqa mill-partijiet. Li tghid illi mill-jum taz-zwieg 'il quddiem bhal donnu kollox baqa l-istess bhal qabel ma jikkostitwixxiex "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju". Sabiex tirrizulta kawzali imsejsa fuq is-sub inciz in dizamina jehtieg provi cari u konvincenti dwar l-istat psikologiku tal-parti allegatament afflitta mill-kondizzjoni li qed tigi ezaminata.

Il-partijiet kienu ilhom ilhom jghixu taht l-istess saqaf, qabel ma zzewgu fid-dar ta' missier l-attrici, ghal circa sena; iddecidew li jizzewgu peress li kif tghid l-attrici u jikkonferma l-konvenut '*konna rbatna qalbna ma' xulxin u jien ma xtaqtux jitlaq.'* u ghalkemm il-kunsens taz-zwieg ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta jigifieri li l-partijiet ikunu jafu lil xulxin sew, mill-provi johrog li t-tnejn ghazlu liberament u **hadu d-decizjoni li jizzewgu** u dan wara li hassu u kkonsidraw in-necessita' li jinghaqdu fiz-zwieg ghax kienu jinhabbu u ma xtaqux li jisseparaw wara li l-konvenut inghalqitlu l-visa.

Barra minn dan, mill-provi imresqa ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kien qed ibati minn inkapacita' psikika li kienet qed timpedixxi lil xi hadd minnhom milli jaghraf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

L-attrici tammetti li kien wara li zzewgu li rrealizzat li d-decizjoni li hadet kienet zbaljata fil-ghazla tas-sieheb taghha u ghal dan taghti ezempji (l-ikel, is-safar, u l-ispejjez u t-talb) li ma jirrendux il-kunsens taz-zwieg null daqs li kieku qatt ma ezista'. Il-Gurisprudenza nostrana kemm il-darba sostniet li difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, m'ghandux jigi **assimilat ma' ghazla hazina tas-sieheb jew siehba fir-rabta** matrimonjali. Appena huwa necessarju jinghad illi zwieg li jfalli ma hux necessarjament zwieg null.

Dwar l-ulied mill-provi ma johrogx car ghaliex ma kienx hemm wild fit-tmien snin mizzewga, allavolja jissemmew li kien ikun hemm diskussjonijiet fuq ir-religjon li ghandhom jhaddnu l-ulied il-quddiem; il-konvenut isemmi operazzjoni tat-Thyroid imma dan ma giex kontradett mill-attrici. It-tnejn jaqblu li ma kien inbidel xejn bejniethom wara iz-zwieg ghax it-tnejn

komplew jahdmu pero l-konvenut jaghti raguni ghaliex ma marrux joqghodu ghar-rashom u dan ghaliex id-dar ta' l-attrici kienet tghix ommha fiha.

Il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm jirrizulta li l-gherusija damet circa sena, il-partijiet saru jafu lil xulxin peress li kienu jghixu taht l-istess saqaf - kien hemm kull opportunita' li tohrog id-differenza tal-kultura tal-partijiet.

L-attrici tghid li *'kull sena kien jaghmel spejjez biex imur jara lill-genituri'* u fl-istess hin tghid li izzewgu ghax hi ma xtaqitux jitlaq gjaladarba ghalqitlu l-visa. Il-fatt li fiz-zwieg jinzamm kollox separat, inkluz kontijiet u ma jkunx hemm propjeta' f'isem it-tnejn mhux necessarjament iffisser li kien hemm nuqqas ta' hajja mizzewga. Difatti ir-regim tas-separazzjoni tal-beni bejn koppja mizzewga huwa rikonoxxut mil-ligi.

Ir-regoli dwar in-nullita' taz-zwieg huma rigoruzi ghaliex jistipulaw meta kuntratt taz-zwieg civili ghandu jigi kkunsidrat bhala li qatt ma sehh, b'differenza ghar-regoli ghal talba ghad-divorzju fejn iz-zwieg civili jibqa; validu mill-jum tac-celebrazzjoni tieghu sal-jum li jinhall.

Mill-provi imressqa il-Qorti ma rriskontratx xi prova li parti jew ohra kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq xi wahda mid-dmirijiet essenzjali ghaz-zwieg.

Fil-fehma tal-Qorti l-partijiet kienu konsapevoli tal-obbligi u d-drittijiet li jimporta mieghu iz-zwieg.

Mhux bizzejjed ghall-finijiet ta' annullament taz-zwieg li l-partijiet qabel ma izzewgu kienu ilhom johorgu flimkien ghal-perjodu qasir jew li l-familji rispettivi ma kienux iltaqghu. Lanqas huwa bizzejjed li d-decizjoni ghaz-zwieg ittiehdet malajr minhabba raguni, sakemm din ir-raguni ma giex ppruvat li ostaklat il-volonta' tal-partijiet.

Sabiex zwieg jigi dikjarat null jehtieg li ssir prova li fil-hajja konjugali l-komportament ta' l-attrici jew ta' l-intimat kien tali li jeskludi l-obbligi ta' persuna mizzewga. Tali prova f'dawn l-atti ma hargitx ghax ghalkemm l-attrici tixhed li qatt m'ghexu il-hajja ta' mizzewgin wahedhom, l-intimat jghid li dan gara ghax hu fil-post fejn l-attrici riedet tmur toqghod

kienet tghix ommha. Dwar l-att sesswali, jew jekk kienux jippruvaw ghat-tfal jew riedux tfal, tali prova ma gietx sodisfacentement ppruvata. Ukoll kultura jew prioritajiet differenti tal-partijiet ma jirrendux il-kunsens invalidu.

Wara li fliet bir-reqqa l-provi migjuba din il-Qorti hija tal-fehma li ma giex sodisfacentement ppruvat li l-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta'-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali taz-zwieg.

Huwa minnu li l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u ddikjara illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. Pero', tenut kont li l-istitut taz-zwieg civili huwa min-natura tieghu ta' ordni pubbliku, l-ammissjoni da parti tal-konvenut ma hiex sufficjenti sabiex twassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Il-partijiet jirrakkontaw il-mod kif resqu ghaz-zwieg minnhom celebrat. Kienu gia' jirrisjedu flimkien qabel izzewgu, fil-fatt jinghad illi qabel izzewgu kienu jorqdu f'kamra wahda fid-dar ta' missier l-attrici. Jghidu illi meta zzewgu bhal donnu ma nbidel xejn. L-attrici tilmenta illi l-konvenut ma kienx jiekol majjal, pero' l-Qorti hi konvinta li tali restrizzjoni bbazata fuq ir-regligjon tal-konvenut l-attrici kienet gia' konsapevoli taghha zmien sew qabel il-partijiet izzewgu u bil-kunsens ghaz-zwieg kienet qed taccetta lill-konvenut bil-kultura u r-religjon li kien ihaddan. Il-fatt li missierha kien rega zzewweg u izzewweg persuna ta' religjon musulmana juri li fil-familja tal-attrici l-kultura li minnha issa l-attrici qed tilmenta kienet konsapevoli sew taghha. Irid jinghad li l-fatti li dwarhom xhedu l-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti ma jikkostitwixxiex 'difett serju ta' dizkrezzjoni ta' gudizzju" fuq il-hajja matrimonjali. Fix-xhieda taghha l-attrici timmotiva t-talba taghha ghall-annullament billi tghid illi wara li zzewgu qatt ma ghexu wahedhom u qatt ma ppruvaw ghat-tfal u li ma kellhom xejn assi flimkien. Anke f'dan ir-rigward, xejn minn tali xhieda ma twassal ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Jista' jkun illi l-mod kif zviluppat il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet wassal ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom izda dan jista' jwassal ghal separazzjoni personali u/jew divorzju izda mhux ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li zwieg qatt ma kien hemm bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------